Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Onor. Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.

Il-Pulizija

Spettur Hubert Cini

Vs

Sylvester James

Illum 16 ta' Novembru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Sylvester James, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 209586M akkuzat:

Talli fit-12 ta' Gunju, 2015 bejn it-8:25am u d-09:00am fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tiqeghed il-hajja ta' hadidehor f'perikolu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' CO88 Alexander Desira ta' natura hafifa jew igibilha disordni f'mohha kif iccertifikat Dr. Diana Balzan (reg. 2111) tac-Centru tas-Sahha, Paola;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikrostanzi, f'kull kaz iehor mhux imsemmi fl-ahhar zewg artikoli qabel dan, ingurja, jew hedded, jew ghamel iffiza fuq il-persuna ta' Maggur CO 109 Conrad Saliba, CO 88 Alexander Desira, CO177 Matthew Cilia, CO01 Chris Azzopardi, CO31 Patrick Caruana CO140 Josef Bonnici, CO 180 Mario Ellu, CO 165 Dennis Thorton, CO 134 Kenneth Fenech, CO 169 Josef Barbara, CO 127 Jason Farrugia, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jgahmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolens ajew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Maggur CO 109 Conrad Saliba, CO 88 Alexander Desira, CO177 Matthew Cilia, CO01 Chris Azzopardi, CO31 Patrick Caruana CO140 Josef Bonnici, CO 180 Mario Ellu, CO 165 Dennis Thorton, CO 134 Kenneth

Fenech, CO 169 Josef Barbara, CO 127 Jason Farrugia persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skodn il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijeit legittimi tal-awtorita' jew ta' Maggur CO 109 Conrad Saliba, CO 88 Alexander Desira, CO177 Matthew Cilia, CO01 Chris Azzopardi, CO31 Patrick Caruana CO140 Josef Bonnici, CO 180 Mario Ellu, CO 165 Dennis Thorton, CO 134 Kenneth Fenech, CO 169 Josef Barbara, CO 127 Jason Farrugia persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, jew ma hallihx jew fixkel waqt li jkun ghamel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmiru billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunux jaqghu taht disposizzjonijiet ohra ta' dan il-Kodici jew ta' ligi ohra;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi, bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, akkuzha lil dik il-persuna quddiem awtoriuta' kompetenti b'reat, filwaqt li jkun kaf li dik il-persuna hija innocenti;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l'quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, iddenuzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew il-proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tapplika l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Sylvester James u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-process;

Rat illi fis-seduta tal-llum l-imputat ammetta l-akkuzi dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara illi l-Qorti tghatu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi, senjatament l-artikolu 33A, 49, 50, 95, 96, 101, 110, 214, 215, 221, 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni sabet lill-imputat Sylvester James hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante illi l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba' (4) akkuza huma assorbiti fit-tielet (3) akkuza, tikkundannah ghal-piena ta' 10 xhur prigunerija kif ukoll multa ta' €4000 (Erbat elef Ewro) pagabbli fi zmien tlett snin m'illum.

Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D.

Magistrat